MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-23 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 24/2007

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Computer Evolution Centre Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Jannar, 2007 in forza ta' liema s-socjeta` attrici qed titlob lis-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallasha s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz in konnessjoni ma' servizzi rezi client ghax-xhur ta' Mejju 2005.

Ra illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema’ x-xhieda ta’ PL Peter Sammut li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma kif mitluba ta’ mitejn lira Maltin (Lm200.00) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------